# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO, B.A.(HONS), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. CARMEL A. AGIUS, B.A., LL.D.**
**ONOR. JOSEPH D. CAMILLERI, B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 23 ta' April, 2001**

**Numru 14**

**Cit. Nru. 127/97 MM**

**Gourmet Company Limitted u Domenico Savio sive Savio Spiteri**

**vs**

**Mariano Vella**

**Il-Qorti;**

Rat il-verbal tal-11 ta' Dicembru, 2000 li bih gie registrat hekk:-

"Dr. Tonio Azzopardi ghall-appellant jissottometti illi tezisti raguni legali valida ghala din l-Onorabbli Qorti ghandha tordna s-soprasessjoni u cioe' illi l-appellant ghandu lment quddiem il-Qorti Ewropea kif indikat fir-rikors tal-21 t'Awissu, 2000 illi l-Ewwel Qorti iddecidiet din il-kawza meta l-appellant kien sprovvist minn Avukat stante li Dr. Malcolm Pace kien irrinunzja ghall-patrocinju u minghajr ma' l-appellant kien ghadu pproduca l-provi kollha tieghu. Ghaldaqstant Dr. Tonio Azzopardi ghall-appellant jitlob li

> jigi revokat contrario imperio d-digriet tal-4 ta' Ottubru, 2000 ta' din l-Onorabbli Qorti.
>
> L-appellati jopponu ruhhom ghal din it-talba l-ewwel ghaliex dan mhux il-mod korrett kif tintalab revoka ta' digriet ta' din l-Onorabbli Qorti u t-tieni ghaliex tezisti gurisprudenza kostanti illi l-procediment quddiem il-Qorti ta' Strasbourg ma jistghux iservu bhala raguni ghas-soprasessjoni ta' kawzi quddiem din il-Qorti."

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghad-decizjoni fuq din it-talba u jekk ikun il-kaz ghat-trattazzjoni finali;

Billi t-talba ghas-soprasessjoni diga' saret precedentement u diga' giet deciza bil-provvediment tal-31 ta' Mejju, 2000 u konfermata b'digriet iehor ta' l-4 ta' Ottubru, 2000 wara rikors b'kawzali sostanzjalment identika;

Tichad ukoll din it-talba u tordna lill-appellant jiddesisti minn rikorsi frivoli ta' din ix-xorta intizi biss biex jitwalu l-proceduri taht piena tal-komminazzjoni kontra tieghu tal-provvedimenti dwar id-disprezz lejn l-awtorita' taghha.

Il-kawza tibqa' posposta ghat-trattazzjoni fil-mertu.

L-ispejjez ta' dan l-incident a kariku tar-rikorrent.

Dep/Reg

cb